# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' MARZU, 2023**

**Kawża fuq il-lista nru. 2**

**Rik. Ġur. 2290/1993RGM**

**Carmelo sive Charles Micallef.**

**vs.**

**Margaret Micallef armla ta' Emmanuel, Marisa D'Amato mart Albert u l-istess Albert d'Amato ghal kull interess li jista' jkollu, Nathalie Barbara mart l-Avukat Dottor Anthony u l-istess Avukat Dottor Anthony Barbara ghal kull interess li jista' jkollu John, Victor ahwa Micallef u b'digriet tad-19 ta' Dicembru l-atti ta' Margaret Micallef li mietet il-mori tal-kawza gew trasfuzi f'isem Marisa D'Amato, Natalina Barbara, John u Victor Micallef**

## Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni ta' **Carmelo sive Charles Micallef** ippreżentata fit-12 ta' Novembru, 1993 li permezz tagħha ppremetta u talab is-segwenti:

1. PREMESS ILLI Emmanuel Micallef miet fil-11 ta' Marzu 1985, kif jirrizulta minn kopja awtentikata ta' Certifikat tal-Mewt esebit Dok "A";

2. PREMESS ILLI l-istess Emmanuel Micallef miet intestat, u kif ippruvat mir-ricerki testamentarji esebiti Dok “B”, “C”, u “D”;

3. PREMESS ILLI l-imsemmi Emmanuel Micallef halla warajh lil martu Margaret u lil uliedu minn martu Marisa d’Amato mart Albert, Nathalie Barbara mart l-Avukat Dottor Anthony, John, Victor u l-attur, ahwa Micallef;

4. PREMESS ILLI skont il-ligi s-successjoni tieghu tiddevolvi kwantu ghall-usufrott tan-nofs fuq martu Margaret hajja u kwantu in-nuda proprjeta` u n-nofs l-iehor ta’ l-erendita` ta’ Emmanuel Micallef jiddevolvu fi kwoti indaqs bejn il-hames ahwa Micallef;

5. PREMESS ILLI l-attur ma jixtieqx jibqa’ jippossedi inkomuni mal-konvenuti;

IGHIDU GHALHEKK IL-KONVENUTI GHALIEX M’GHANDHIEX DIN IL-QORTI:

1. tillikwida il-komunjoni ta’ l-akkwisti gia` ezistenti bejn il-mizzewwgin Emanuel Micallef u Margaret Micallef billi tigi dikjarata li tikkonsisti f’dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. tordna d-divizjoni ta’ l-istess komunjoni kif fuq likwidata f’zewg porzjonijiet egwali li minnhoim wahda tigi assenjata lill-assi partikolari ta’ l-imsemmi Emmanuel Micallef u l-ohra tigi assenjata lill-assi partikolari ta’ martu il-konvenuta Margaret Micallef;

3. tillikwida l-assi partikolari ta’ Emmanuel Micallef billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs indiviz tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u f’dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

4. tordna id-divizjoni ta’ l-assi partikolari ta’ Emmanuel Micallef fejn jigi assenjat l-usufrutt tan-nofs lill-konvenuta Margaret Micallef u kwantu in-nudu proprjeta` u in-nofs l-iehor ta’ l-eredita` ta’ Emmanuel Micallef fi kwoti indaqs bejn il-hames ahwa Micallef ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed kontendenti hamest ahwa Micallef u cioe` Marisa d’Amato mart Albert, Nathalie Barbara mart l-Avukat Dottor Anthony, John, Victor u Carmelo sive Charles l-attur, ahwa Micallef.

5. tinnomina Periti ghal-likwidazzjoni u ghall-assenjazzjonijiet fuq imsemmija u Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-Att opportun u Kuraturi ghall-kontumaci;

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat **in-nota tal-eċċezzjonijiet** ta' Nathalie Barbara mart l-Avukat Dottor Anthony u l-istess Avukat Dottor Anthony Barbara ippreżentata fid-29 ta' Novembru, 1993 fejn jingħad kif ġej:

> Illi salv li jsiru r-resokonti mehtiega sabiex tigi stabbilita l-konsistenza tal-eredita` hija ma topponix ruhha ghad-divizjoni.

Rat **in-nota tal-eċċezzjonijiet** tal-konvenut Victor Micallef ippreżentata fis-7 ta' Diċembru, 1993 fejn jingħad kif ġej:

> Illi huwa ma jopponix li jigi likwidat l-assi ereditarju ta' missieru Emmanuel Micallef, basta li tali likwidazzjoni issir fuq il-valuri reali tal-assi ereditarji u basta li l-konsegwenti divizjoni ssir in konformita` man-normi prekritti mill-Ligi.
>
> Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta' l-eċċezzjonijiet** tal-konvenuta Margaret Micallef armla ta' Emanuel ippreżentata fis-16 ta' Diċembru, 1993 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi hija eredi ta' zewgha.
2. Bla pregudizzju ghas-suespost hija ma topponix ruhha ghat-talbiet attrici.
3. Salv, jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta' l-eċċezzjonijiet** tal-konvenuti Marisa D'Amato mart Albert u l-istess Albert D'Amato għal kull interess illi jista' jkollu u John Micallef ippreżentata fis-16 ta' Diċembru, 1993 fejn jingħad kif ġej:

1. Salv illi l-eredi jiehdu dak illi haqqhom skont il-ligi huma ma jopponux ruhhom ghad-domandi attrici.
2. Salv, jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi fil-11 ta' Jannar 1994 din il-Qorti diversament presjeduta nnominat bħala Perit Legali lil Dr Carmelo Vassallo u lil Perit Joseph Huntingford bħala Perit Tekniku;

Rat illi fid-9 ta' Diċembru 1994, il-Qorti nnominat lil Perit AIC David Pace in sostuzzjoni ta' AIC Joseph Huntingford;

Rat illi fid-9 ta' Jannar 1996, il-Qorti nominat lil Perit Michelangelo Refalo sabiex jagħmel stima tal-immobbli indikati fid-denunzja tad-defunt Emannuel Micallef;

Rat illi fit-23 ta' Frar 2005, il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali;

Rat illi fit-13 t'Ottubru 2005 il-Qorti nominat bħala Perit Legali lil Dr. Mark Chetcuti, illum Prim'Imħallef;

Rat li l-affidavit ta' John Micallef tas-7 ta' Frar 2007 ġie sfilzat b'digriet tad-29 ta' Marzu 2007 u dan peress li l-istess affidavit ma kienx iffirmat u lanqas ġuramentat;[1]

Rat il-kuntratt tal-5 ta' Novembru 2001[2] kif ukoll tad-19 ta' Mejju 2001[3] fejn permezz tagħhom Marisa D'Amato biegħet is-sehem tagħha mill-eredità parafernali ta' Emanuel Micallef lil S.C. Hire Services Ltd u lil Aquilina Properties Ltd filwaqt li Charles Micallef biegħ is-sehem tiegħu mill-eredità parafernali ta' Emanuel Micallef lil M4 Company Ltd;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fl-14 t'Ottubru 2009[4], in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Margaret Micallef ippreżentata fis-17 ta' Diċembru 2009[5];

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, illum is-S.T.O. Prim'Imħallef, Dr. Mark Chetcuti ppreżentat fit-23 ta' Lulju 2010[6];

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku David Pace ippreżentat fit-23 t'Ottubru 2009;[7]

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni li saru minn Margaret Micallef għal Perit Legali[8];

Rat il-mistoqsijiet in eskusjoni li saru minn Margaret Micallef għal Perit Tekinu David Pace[9];

---

[1] Paġna 376 tal-proċess.
[2] Paġna 515 tal-proċess
[3] Paġna 526 tal-proċess
[4] Paġna 501 et seq tal-proċess.
[5] Pagna 533 et seq tal-proċess.
[6] Paġna 567 et seq tal-proċess.
[7] Paġna 577et seq tal-proċess.
[8] Paġna 605 et seq tal-proċess.
[9] Paġna 624 et seq tal-proċess.

Rat ir-risposti tal-Perit Tekniku għal mistoqsijiet in eskusjoni[10] kif ukoll ir-risposti tal-Perit Legali[11]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Charles Micallef ippreżentata fit-2 t'April 2012[12];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' Margaret Micallef ippreżentata fis-6 ta' Lulju 2012[13] u oħra ppreżentata fil-21 ta' Jannar 2013[14];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ta' Charles Micallef ippreżentata fil-25 t'Ottubru 2012[15] u oħra ppreżentata fid-29 ta' Jannar 2013[16];

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku ppreżentat fid-19 ta' Novembru 2013;

Rat li fis-6 ta' Lulju 2014 mietet Margaret Micallef, omm l-attur u l-konvenuti l-oħra;

Rat li fit-2 ta' Diċembru 2015, Dr Martin Fenech għal John Micallef u Marisa D'Amato, Dr Patrick Galea għal Carmelo Micallef, Dr Anthony Barbara għal Nathalie Barbara u Victor Micallef personalment jiddikjaraw li jaqblu illi l-proprjetà/assi tal-eredità tal-mejta Margaret Micallef għandha tinqasam bejn erba' eredi ċioe John Micallef, Marisa D'Amato, Nathalie Barbara u Victor Micallef b'dan li dawn l-erba' eredi ibatu l-ispejjeż riżultati minn din il-qasma u tali spejjez ma jitnaqqsux mill-aċċertament tal-konsistenza tal-eredità ta' Margaret Micallef, waqt li l-partijiet kollha ħallew f'idejn il-Qorti tiddeċiedi dwar l-ispejjeż għal-likwidazzjoni tal-leġittima spettanti lil Carmelo Micallef, jekk hemm;

Rat il-provvediment ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tad-29 ta' Frar 2016 fejn il-Qorti laqat it-**talba tal-konvenuti** datata 5 ta' Novembru 2015[17] mhux opposta b'riżervi mill-attur għal żieda kif ġej:

> "1. Tawtorizza z-zieda ta' talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt spettanti bejn il-werrieta taghha (ie. ta' Margaret Micallef) , u cioe John Micallef, Marisa d'Amato, Nathalie Barbara u Victor Micallef;

[10] Paġna 646 tal-proċess.
[11] Paġna 647 tal-proċess.
[12] Paġna 672 et seq tal-proċess.
[13] Paġna 687 et seq tal-proċess.
[14] Paġna 709 et seq tal-proċess.
[15] Paġna 690 et seq tal-proċess.
[16] Paġna 697 tal-proċess.
[17] Paġna 764 tal-proċess

2. Tordna illi l-ispejjez rizultanti minn din il-qasma ghandhom jigu sopportati mill-istess John Micallef, Marisa d'Amato, Nathalie Barbara u Victor Micallef;

Bl-ispejjez kontra John Micallef, Marisa d'Amato, Nathalie Barbara u Victor Micallef".[18]

Rat illi l-Qorti diversament presjeduta, fid-29 ta' Frar 2016 innominat għal darb'oħra lil Perit David Pace sabiex jagħmel id-diviżjoni tal-assi tad-defunta Margaret Micallef;

Rat illi minħabba raġunijiet mogħtija mill-Perit David Pace fir-rikors tiegħu tat-8 ta' Marzu 2016, il-Qorti b'digriet tal-istess data nnominat in sostituzzjoni lil Perit Alan Saliba;[19]

Rat illi l-partijiet qablu li l-valuri stabbilit fir-rapport tal-Perit David Pace għandhom jibqgħu viġenti u l-Perit Saliba m'għandux jerġa' jħejji stima tal-valur tal-proprjetà u għandu jgħaddi għalhekk sabiex jagħmel rapport dwar id-diviżjoni;[20]

Rat ir-rapport tal-Perit Alan Saliba ppreżentat fl-4 ta' Lulju 2016;[21]

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni[22] kif ukoll ir-risposti għall-istess[23];

Rat illi l-Qorti diversament presjeduta nnominat lil John Gingell Littlejohn sabiex jagħmel stima tal-oġġetti kollha mobbli, flejjes, oġġetti ta' deheb u fidda u ħaġar prezzjuż li jinstabu f'waħda mill-proprjetajiet tad-defunti ġewwa Birkirkara;

Rat illi l-Qorti diversament presjeduta nnominat lil Joseph Azzopardi ta' Victor Azzopardi Jewellers sabiex jagħmel stima tal-oġġetti tad-deheb u fidda u ħaġar prezzjuż li hemm f'waħda mill-proprjetajiet tad-defunti ġewwa Birkirkara;

Rat ir-rapport tal-espert John Gingell Littlejohn ippreżentat fit-23 ta' Frar 2017;[24]

Rat ir-rapport tal-espert Joseph Azzopardi ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2017;[25]

[18] Paġna 787 tal-proċess.
[19] Paġna 791 tal-proċess.
[20] Paġna 796 tal-proċess.
[21] Paġna 809 tal-proċess.
[22] Paġni 806 u 806C tal-proċess;
[23] Paġna 808A tal-proċess.
[24] Paġna 841 tal-proċess.
[25] Paġna 847 tal-proċess.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-tal-avukati tal-partijiet li saret fit-3 ta' Lulju 2017;[26]

Rat illi f'dik is-seduta din il-Qorti diversament presjeduta iddifferiet il-kawża għas-sentenza.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, 2017 din il-Qorti diversament presjeduta issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza għaliex irriteniet illi jista' jkun hemm il-ħtieġa li tinnomina perit komputista biex jevalwa n-negozju tad-decuius.

Rat illi l-Qorti kif diversament preseduta fid-29 ta' Jannar 2018 innominat lil komputista Silvio Busuttil sabiex mill-atti proċċesswali jindika lill-Qorti l-valur tal-ġestjoni tan-negozju;

Rat illi f'Lulju 2018 il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta.

Rat illi ir-rapport tal-perit komputista Silvio Bususttil ġie ppreżentat fit-18 t'Ottubru 2018;

Rat illi sas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2019 l-ispejjeż peritali dovuti minn John Micallef, Marisa D'Amato u Charles Micallef ma kienux għadhom tħallsu u għalhekk il-perit komputista ma kienx f'posizzjoni li jaħlef ir-rapport.

Rat illi b'nota tat-2 ta' Ottubru 2019 Nathalie Barbara u Dr Anthony Barbara talbu n-nomina ta' periti addizzjonali li pero' eventwalment ma insistitx fuq it-talba.

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni lill-Accountant Silvio Busutill mill-attriċi Nathalie Barbara[27] u minn John Micallef[28];

Rat ir-risposti tal-Perit Komputista għal mistoqsijiet in eskussjoni ta Nathali Barbara kif ukoll ta' John Micallef, it-tnejn ippreżentati fid-19 ta' Lulju 2021[29];

Rat id-diversi verbali dwar differimenti minħabba l-pandemija Covid-19.

Rat il-verbal tat-13 ta' Mejju 2021 fejn jirriżulta li l-perit komputista bagħat jinforma illi kien indispost fit-tul u li għalhekk ma kienx f'posizzjoni li jipprepara r-risposti tiegħu għad-domandi in eskussjoni lilu notifikati.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2022 il-perit komputista Silvio Busuttil deher b'mod virtwali u r-risponda għad-domandi in eskussjoni.

[26] Paġna 846 et seq tal-proċess.
[27] Paġna 487 et seq tal-proċess 92/1992 RGM.
[28] Paġna 491 et seq tal-proċess 92/1992 RGM.
[29] Paġna 517 et seq tal-proċess 92/1992 RGM.

Rat illi fl-istess seduta l-Qorti għalqet l-istadju tal-provi u tat termini lill-partijiet sabiex jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Semgħat it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

1. Xehed quddiem il-Perit Legali, il-konvenut **John Micallef** fejn qal li huwa ma kienx qiegħed jiġbor jew jamministra xi proprjetà, però kien jaf li ħuh Victor u ommu kienu qegħdin jamministraw xi proprjetà tal-wirt ta' missieru. Qal li huwa kien joqgħod m'ommu u ġieli għaddew flus f'idejh mill-wirt ta' missieru. Huwa ppreżenta kopja informali tad-denunza ta' missieru. Jgħid li hu, Victor u ommu kienu marru d-dipartiment tat-taxxi interni sabiex jistaqsu x'kellu bżonn isir għad-denunzja u x'setgħa jsir peress li Emanuel Micallef kellu xi arretrati xi jħallas u oġġezzjoni pendenti u peress li l-*accountant* tiegħu Roland Sultana ma kienx tahom lura l-karti relattivi. Spjega li huma bdew jiġbru l-informazzjoni meħtieġa, inkluż riċerka testamentari, valur tal-immobbli, depożiti bankarji u ishma tal-kumpaniji Catimpex Ltd, United Hides Ltd, Kursaal u Excelsior li kellu missieru, kif ukoll flus kontanti, oġġetti tad-deheb, għamara u karozza. Kien hemm xi immobbli li ma ġewx inklużi fl-ewwel denunzja iżda imbagħad saret denunzja addizzjonali. Ix-xhud jgħid li kienu ltaqgħu kollha flimkien u ddiskutew l-oġġetti kollha, kienu baqgħu li ser tmur ommu tippreżenta d-denunzja imma minħabba l-inkwiet familjari, kien mar hu bid-denunzja. Ix-xhud jgħid li taxxa tas-suċċessjoni kienu ħallsu tnax-il elf, mija u disgħa u disgħin Lira Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm12,199.10). Jgħid li d-dar kellhom Lm10,924 flus kontanti li kienu intużaw sabiex tħallset id-denunzja u d-differenza kienet sselfithom ommu minn għand Albert D'Amato. Jgħid li dak iż-żmien huma kienu taħt l-impressjoni li d-denunzja titħallas mill-armla u mit-tfal u mhux mit-tfal biss, għalhekk ommu għandha tieħu minn għand l-ulied Lm5,783.

2. John Micallef xehed ukoll permezz t'affidavit, testwalment kiteb hekk: "Id-daddy kien issuġġerixxa li l-mummy u t-tfal nibdew negozju tat-trobbija tal-barrin. Għalhekk fit-2/11/85 il-mummy u t-tfal xtrajna 55 barri li kien jieħu ħsiebhom Charles Dok JM1. Fil-14/3/85 wara l-mewt tad-daddy, Charles beda jagħti d-dettalji tal-qtil tal-barrin lil Victor. F'April 1985 Charles ma riedx ikompli bit-trobbija tal-barrin. Għalhekk fil-*family meeting* tat-2/5/85 il-familja iddeċidiet: li l-barrin jinqatlu kif jilħqu u daqshekk. Wara Charles riedna inċedulu ix-*shares* tal-Kumpanija għax qal li fi Frar 1985 id-daddy kien iġġieled ma Dr Barbara Tony għax dan ma riedhux jikteb ix-*shares* lil Charles u mhux lis-subien kif qbilna f'*family meeting* ta' Marzu 1985. [...] Fit-2/7/85

Dok JM3 Charles minn wara darna għamel ftehim personali ma Tonna Barthet, li ma kienx jaqbel ma dak li l-familja kienet għamlet ma' Tonna Barthet. Charles beda jrabbi barrin ta' Tonna Barthet. F'Ottubru 1985, Victor qal lill-familja li Charles waqaf itih dettalji tan-negozju. Il-familja talbet lil Victor itina rendikont tad-dokumenti li kellu. Iżda Victor tghana d-dokumenti fi Frar 1990, biex fil-5/3/90 Prof Refalo kiteb lil Charles għal rendikont Dok MF."[30] Il-konvenut John Micallef għadda sabiex jagħmel referenza għal dokumenti li ġew esebiti minn Charles Micallef fl-14 ta' Settembru 1994 Dok CM2 sa Dok CM13. Jgħid ukoll li fil-25 ta' Marzu 1985 ħuh Charles ma baqax jiffirma r-rendikont tal-ispejjeż kollha li kien jagħti lil Victor, iżda beda jieħu riċevuta mingħand Victor tal-flus li Charles kien jagħtih tal-qatla tal-barrin. Ix-xhud spjega li minn Lot 5/84 ta' ħamsa u ħamsin barri huwa għandu rendikont ta' qatla ta' 17-il barri identifikat bin-numru u mħallsin, 8 barrin identifikati bin-numru imma mhux imħallsa minn Charles u 30-il barri mingħajr numru imma mħallsa. Jgħid li ġaladarba m'għandux in-numri tal-barrin, huwa ma setax jagħmel *accounts* tagħhom[31]. Lot 1/85 għandu 37 barri: barri wieħed numerat u mħallas, 11-il barri mhux numerat imma mħallas u 25 barrin oħra li m'hemm ebda dokument fuqhom. Ix-xhud qal ukoll li

> "minkejja li f'2/5/85 fuq talba ta' Charles n-negozju kellu jieqaf wara li jinqatlu l-barrin eżistenti, Victor ta lil Charles
>
> | | | |
> |---|---|---|
> | (i) | 19/6/85 | Lm3,576 |
> | (ii) | 3/7/85 | Lm4,209.59 |
> | (iii) | 19/9/85 | Lm5,513.20 |
> | | Total | Lm13,298.79 |
>
> Ta dawn il-flus, Charles u Victor ma tawx spjega"[32]

Jagħmel referenza ukoll għal numru ta' ċekkijiet, f'total ta' Lm2,361, li kienu għand Victor, iżda dan baqa ma sarafhomx. Jgħid li ppruvaw jirranġaw ħalli jkunu jistgħu jissarfu, iżda t-tentattivi fallew.

3. **Victor Micallef** ukoll xehed quddiem il-Perit Legali u kkonferma li huwa ġieli amministra beni tal-wirt ta' missieru. Spjega li wara l-mewt ta' missieru, hu kien ingħata minn John l-inkarigu ta' *go-between* bejn Charles u John. Spjega li John mill-mewt ta' missieru kellu l-amministrazzjoni ġenerali tal-farm u tal-affarijiet tad-dar, filwaqt li ħuh Charles kien kompla n-negozju ta' missieru. Min-naħa tiegħu hu kien iżomm il-kotba (*book-keeping*). Qal li John kien tah ammont ta' flus f'idejh għal bżonnijiet ta' kuljum tad-dar u tan-negozju. Jgħid li Charles u hu kienu jittrasferixxu flus lil xulxin u meta ma kienx ikollu flus

[30] Paġni 392 – 393 tal-proċess.
[31] Paġna 398 tal-proċess.
[32] Paġna 399 tal-proċess.

biżżejjed, kien imur għand John u jitolbu jagħtih jew imur għall-istess skop għand ħuh Charles. Ikkonferma li *records* ta' trasferimenti ta' flus u affarijiet oħra kien iżommhom hu, dejjem skont l-informazzjoni li kienet tingħatalu. Ix-xhud qal hekk: "Ir-relazzjonijiet fil-familja xi xhur wara l-mewt tal-papa' bdew jiddeterjoraw b'mod li Charles ried jiehu l-business f'idejh u allura r-records ma baqghux jinghataw lili sodisfaċentement, u fl-ahhar l-iskambju ta' dettalji ghall-book-keeping bejni u bejn Charles waqfu."[33] Xhur wara l-mewt ta' missieru, John talbu r-*records,* dokumenti u l-flus kollha u hu tahomlu. Jgħid li John kien tah xi flus biex jgħoddhom u hu hekk għamel u l-ammont kien ta' bejn Lm35,000 u Lm 36,000. Qal li huwa kien jiġbor kirjiet ta' immobbli bħal ma kienu jagħmlu ħutu minn qabel il-mewt ta' missieru. Wara li l-mewt ta' missieru, il-flus kien jgħaddihom lil ommu però wara xi żmien wara l-mewt ta' missieru ma baqax jagħmel hekk. Dwar *statement of account* f'isem ommu u f'ismu tal-kont ma' Abbey National Treasury International Limited huwa jgħid li huwa ma kienx jaf mis-somma ta' £27,000 liema kont ingħalaq fl-10 ta' Ġunju 2002. Jgħid li ma kienx hu li għalaq il-kont. Jinnota wkoll li l-indirizz fuq dik l-ittra huwa taz-zija paterna Mary Lungaro.

4. In kontro-eżami Victor Micallef qal li hu kien mar l-Ingilterra jara l-Grand Prix u missieru kien tah xi elfejn Lira Sterlina biex niddepożithom f'Kante u fil-fatt jgħid li kien iddepożitahom f'Chelsea Building Society. Jgħid li wara ma kellu ebda konnessjoni mal-flus ta' missieru. Victor Micallef ġie mistoqsi fuq statements tal-Abbey National kif ukoll statements tan-National and Provencial Building Society għas-snin bejn 1989 u 1992 u x-xhud indika li dawk kienu indirizzati lil ommu u uħud minnhom kien hemm ismu fuqhom wkoll. Jinnota wkoll li l-indirizz fuqhom kien l-indirizz antik ta' zitu Mary Lungaro, oħt missieru. In ri-eżami x-xhud qal li d-denunzja saret minn ħuh John u li r-riċerka testamentari ma kienx hu li ħa ħsiebha. Ix-xhud jgħid li ma jiftakarx li saret laqgħa mal-membri tal-familja kollha fejn inqrat id-denunzja. Jgħid li hu ma kienx qabbad lil John jieħu ħsieb l-affarijiet hu; kien John li ħa kontroll ta' kollox għax hu persuna hekk. Rigward il-karozza Mercedes, ix-xhud qal li għal xi żmien kien jużaha Charles, jgħid li hu kien għamel xi tiswijiet fiha iżda qatt ma użaha. Jgħid li kien xtralha batterija u ħallas għan-*number plates* u l-liċenzja għas-snin li ma kinitx imħalsa. Dawn ħallashom minn butu.

5. Victor Micallef in kontro-eżami ikkonferma li l-unika dokumenti u rċevuti li ġew preżentati minn Charles huma d-dokumenti li għandu hu u l-firma li hemm fuqhom hija tiegħu. Dwar dak li ingħad minn Charles li tah flus mingħajr riċevuti, x-xhud jgħid li jista' jkun li ġara hekk però f'dak il-każ l-irċevuti jkunu għand ħuh John. Ix-xhud ma jiftakarx jekk Charles tahx xi Lm30,000 mingħajr riċevuta. Ikkonferma li n-negozju kien ta' missieru li

[33] Paġna 192 tal-proċess.

kellu xi terz tal-ishma. Waqt dan il-kontro-eżami kjarifika li apparti li kien *go between* ta' John u Charles kien ukoll ta' John u l-familja.

6. Ix-xhud qal li id-dokumenti kollha li kellu kien għaddihom lil John għax kien talabhomlu u tahomlu dak il-ħin stess. Jgħid li kien John li ħa fuqu r-responsabbiltà tad-dokumenti.

7. L-attur **Charles Micallef** huwa u jixhed quddiem il-Perit Legali, spjega li missieru kellu razzett tal-barrin u wara mewtu hu beda jħaddem l-istess negozju f'isem l-eredi u ommu. Jgħid li huwa għamel dak ix-xogħol biss u m'għamel l-ebda xogħol ieħor f'negozji oħra ta' missieru. Dwar il-wirt ta' missieru jgħid li missieru kellu xi flus fil-kexxun tal-gwardarobba maqful li ma jafx kemm kien l-ammont ta' flus li kien hemm. Jinnota li fil-kopja tad-denunzja li għandu hu, ma ssemmewx il-flus li kien hemm id-dar u d-depożiti l-Ingilterra u lanqas il-lista tal-għamara. Jgħid li l-immobbli li ġiet imniżżla fid-denunzja huma l-immobbli kollha u jgħid li safejn jaf hu missieru qatt ma kellu depożiti bankarji. Ix-xhud jgħid li missieru kellu xi barrin ir-razzett li ma tniżżlux fid-denunzja, li għaddewhom John u Victor, però jgħid li kien hemm bejn tletin u ħamsin barri li qatilhom ftit ftit u l-flus għaddihom lil ħutu. Dwar il-flus jgħid li kien hemm id-dar għaddewhom ħutu John u Victor però ma jafx l-ammont. Spjega wkoll li "f'xi żewġ okkażjonijiet ħija John tani l-flus biex nixtri l-barrin u dawn il-flus tajthom lil Catimpex u r-riċevuti tal-Catimpex tajthom lil ħija John."[34] Waqt din ix-xhieda, Charles Micallef qal li huwa ta ċirka Lm58,000 li jinkludi l-irċevuti li huwa esebixxa, liema flus kienu rikavat tal-bejgħ tal-barrin li kien hemm meta miet missieru u oħrajn li kien xtara wara l-mewt ta' missieru. Spjega li kien hemm xi tlett ċekkijiet ta' xi Lm5,000 li baqgħu ma ssarfux. Charles qal li hu m'għandu xejn flus tal-wirt ta' misseru. Jgħid ukoll li n-negozju ta' missieru waqaf. Ix-xhud qal li huwa ma'għandu jagħti ebda rendikont għaliex m'għandux dokumenti ħlief dawk li esebixxa. Il-karti li kienu, ċioe l-irċevuti, jgħid li ta kollox lil John u Victor. Jgħid li xogħlu r-razzett kien li jieħu ħsieb l-annimali, joqtolhom u jbigħhom u l-flus jagħtihom lil John u Victor. Beda jitlob irċevuti minn għand ħutu tal-flus li jtihom wara li John kien tah tromba (*binoculars*) ta' missieru u kien qallu jagħmel irċevuta. Iċċara li hu m'għandu l-ebda flus tal-wirt ta' missieru f'idejh u dawk kienu għand Victor u John. Ix-xhud spjega li qabel miet missieru huwa qatt ma amministra flus tal-kumpanija, jgħid li kien biss impjegat u talli kien jaħdem fir-razzett missieru kien itih Lm20 fil-ġimgħa u sehem mil-laħam ċioe qliegħ ta' tmien barrin kull meta jidħol vapur. Spjegat li l-flus li kienu jidħlu mill-bejgħ tal-laħam kif ukoll tat-tmien barrin kien jirċievihom missieru. Jgħid li hu biss kien kapaċi jieħu ħsieb ir-razzett u bi ftehim ma' ħutu kompla n-negozju hu, ġara iżda li Lm20 ma baqax jirċievihom. Kienet fuq insistenza

[34] Paġna 188 tal-proċess.

tiegħu li John u Victor marru jgħoddu l-barrin li kellu missieru. Qal li missieru kellu *accountant* minn Ħal Balzan, però wara mewtu ma jafx jgħid.

8. Fis-7 ta' Diċembru 1998 xehed quddiem il-Qorti l-attur **Charles Micallef** in kontro-eżami. Mistoqsi jekk f'xi żmien hu kienx jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tar-razzett, ix-xhud irrisponda li huwa qatt ma kellu l-amministrazzjoni tar-razzett f'idejh; jgħid li kien biss impjegat. Iċċara li bħal xogħol ta' *maintenance,* trobbija tal-barrin, qtil u tindif kien jieħu ħsiebhom hu, li dam jagħmel xi sena / sena u nofs wara l-mewt ta' missieru, imma bħala flus kien jgħaddihom lil ħutu John u Victor. Jgħid li jumejn wara l-mewt ta' missieru, John mar miegħu r-razzett fl-10:30 ta' filgħaxija fuq talba ta' John stess u tah id-dokumenti kollha li kellu missieru hemm. Ix-xhud spjega li qabel beda joħroġ l-irċevuti lil ħutu għal flus li jagħtihom huwa kien tagħhom ħafna flus, però kemm kien l-ammont ix-xhud ma jafx; jgħid li kien iħalli f'idejn ħutu ġaladarba kienu ftehmu li l-affarijiet tad-dar u tal-flus jieħdu ħsiebhom huma. Ix-xhud jgħid li kopja tal-irċevuti li huwa ħareġ ippreżentahom il-Qorti diġà. Spjega li huwa beda jitlob irċevuta tal-flus li beda jagħti lil ħutu wara li huwa kien talab tromba ta' missieru li kienet tiswa xi Lm60, u ħuh John kien talbu jiffirma karta. Rendikont tal-ammonti li huwa tahom qabel beda joħroġ irċevuti kellu jkun għand John u Victor. Ix-xhud qal li qabel miet missieru kien jamministra n-negozju. Spjega wkoll li wara li miet missieru huwa ma kienx jirċievi paga u qatt ma rċieva għal sena / sena u nofs, il-flus li kellu kien min-negozju tiegħu li kien bdilu missieru stess. Ir-raġuni għalfejn qatt ma tawh paga ħutu kien għaliex ma kienx hemm flus u li tat-taxxa kienu qegħdin jiġru warajhom. L-unika flus li fil-fatt tah John kienu xi pagi ta' ġimgħatejn li missieru ma kienx tah. Meta ġie mistoqsi min kien joħroġhom, ix-xhud spjega li huwa meta kien jiġbor il-flus tal-barrin, hu kien jagħtihom lil Victor u meta jixtri l-ġwież u tiben kien jgħaddilu l-irċevuta u kienu jħallsuhom huma. Rendikont tal-affarijiet kollha suppost qegħdin għand John u Victor. Bħala siegħat ix-xhud ma speċifikax kemm però qal li kienu ħafna għaliex dan jiddependi x'kien ikun hemm bżonn li jsir kuljum. Ix-xhud ippreċiża li r-razzett mhux tagħhom imma tal-kumpanija u qatt ma kienu jħallsu kera, la hu bħala negozjant u lanqas għan-negozju ta' ħutu. Jgħid ukoll li ma kienu jħallsu l-ebda *commission* għal kull barri li kien jinqatel. Jgħid li bħala salarju kien jieħu mingħand il-kumpanija għax-xogħol li kien qiegħed jagħmel flok missieru. Jgħid li meta s-Sur Tonna Barthet mar id-dar sabiex ikellem lill-ommu u ħutu biex jaċċettaw li x-xogħol li kien qiegħed jagħmel Emanuel Micallef jibda jagħmlu Charles Micallef, kien mifhum minn kulħadd li Lm1,000 li kien jieħu missieru ħlas mingħand il-kumpanija kien ħa jibda jeħodhom hu. Għax-xogħol li kien jagħmel sakemm missieru kien għadu ħaj kien jitħallas mingħand missieru u mhux mill-kumpanija għaliex huwa kien qiegħed jgħin lill-missieru.

9. Ix-xhieda ta' Carmelo Micallef tkompliet fid-19 t'April 1999. Ix-xhud jippreċiża li l-irċevuta li hemm fil-proċess datata 19 ta' Marzu 1985 ma kinitx tirrigwarda l-barrin. Kienet irċevuta[35] li kiteb Victor Micallef għal flus li kien tah ix-xhud – ix-xhud din l-irċevuta iffirmaha. Jerġa jikkonferma li l-*accounts* kienu jieħdu ħsiebhom Victor u John. Min kien joqtol il-barri kien iħallas lix-xhud flus kontanti jew ċekk. Jgħid li kien hemm xi ċekkijiet li qatt ma ssarrfu. Il-flus li kien jiġbor kien jgħaddihom lil John u Victor. Ix-xhud spjega li huwa għadda lil ħutu xi tmienja u ħamsin elf Lira Maltin (Lm58,000), però irċevuti ta' tmienja u għoxrin Lira Maltin (LM28,000) għandu għaliex beda joħroġ irċevuti wara li kien intalab jiffirma għal tromba (*binoculars*) li huwa kien talab u intalab jiffirma karta għaliha minn ħuh. Ix-xhud qal li safejn jaf hu ma kellhomx *accountant* meta ħa f'idejh ix-xogħol tar-razzett[36], ċioe t-trobbija tal-barrin. Ix-xhud jirrepeti li huwa kien jiġbor il-flus kollha u l-irċevuti li ħallas għal ġwież u jgħaddi kollox lil ħutu John u Victor għaliex "l-accounts f'idejhom"[37]. Il-maġġoranza tal-flus kien għaddihom lil Victor imma kien hemm xi okkażjonijiet fejn il-flus għaddihom lil John, però l-maġġoranza tal-irċevuti iffirmati minn Victor għajr għal tnejn li x-xhud ma setax jikkonferma jekk il-firma kinitx ta' Victor jew ta' John.

10. Waqt ir-ri-eżami miżmum fl-14 ta' Ġunju 2000, Charles Micallef spjega li l-irċevuti, kemm ta' żmien meta missieru kien ħaj kif ukoll ta' wara, kien tahom lil ħutu. L-irċevuti l-oħra huwa jkun tahom lin-nies li jkunu ħallsuh. Li kien jiġri kien li Victor kien jieħu l-*account number,* in-numru tal-irċevuta, min qatel il-batti u kemm inġabru flus. Għall-*accounts* tiegħu personali kellu lil *accountant* Anthony Cassar imma l-affarijiet ta' missieru kienu ftehmu l-aħwa bejniethom li jżommu kollox id-dar u jieħdu ħsieb John u Victor. Fir-rigward tal-Lm58,000 imsemmija f'xhieda preċedenti, ix-xhud qal li huwa ma jistax jissostanzja dik iċ-ċifra għajr għal Lm28,000 minnhom li għandu riċevuta u allura jista' jgħid biż-żgur li għaddihom lil ħutu. Ix-xhud jgħid li huwa ma jafx kemm tah flus lil ħuh mingħajr irċevuti.

11. Ir-ri-eżami kompla fl-1 ta' Diċembru 2000 ikjarifika li huwa lil ħutu tahom kemm flus kif ukoll ċekkijiet. Jgħid li ċ-ċekkijiet li tahom, li kienu *endorsed,* lanqas biss kienu sarrfuhom. Ix-xhud qal li fil-kamra fejn kellu l-karti missieru ma kienx jidħol ħlief meta kien tah iċ-ċavetta għaliex kien imsiefer, li kien xi xhur qabel miet. Spjega li l-*accounts* kien jagħmilhom missieru sakemm dam ħaj.

12. Xehdet quddiem il-Perit Legali **Margaret Micallef** f'seduta miżmuma fis-16 ta' Mejju 2001. Dwar jekk tafx jekk żewġha kellux flus id-dar, hi wieġbet li

[35] Fix-xhieda tal-14 ta' Ġunju 2000, f'paġna 122 tal-proċess, ġie ċċarat li din ma kinitx irċevuta iżda rendikont miktuba minn Victor.
[36] Mix-xhieda mhux ċar jekk missieru kellux *accountant*.
[37] Paġna 90 tal-proċess (2290/1993).

ma taf xejn dwar dan. Skont ix-xhud, safejn taf hi Emanuel Micallef ma kellux kotba tal-bank. Taf però li ħalla deheb u fidda li ġew imniżżla fid-denunzja. Dwar l-immobbli, x-xhud qalet li żewġ postijiet biss kienu mikrija bi Lm15 u Lm 17 fis-sena però fil-mument tax-xhieda tagħha il-fond li kellu kirja ta' Lm 15 kien mikri liema kirja tiġborha hi. Ix-xhud spjegat li lilha Charles qatt ma taha flus u lanqas qatt semmielha li kien ta xi flus lil ħutu. Margaret insistiet li ma kien hemm xejn li tħalla barra mid-denunzja.

13. L-eżami ta' Margaret Micallef kompla fis-6 ta' Diċembru 2002. Reġgħet qalet li dwar flus hi ma taf xejn għax kollox it-tfal ħadu ħsieb, li taf huwa li l-flus ħaduhom kollha s-subien għan-negozju u dan sar meta kien qed imut ir-raġel tagħha; wara mewtu tgħid li hi ma tat ebda flus lis-subien. Ix-xhud ġiet mistoqsija dwar dak li ingħad minn John Micallef waqt ix-xhieda tiegħu dwar flus li ħuh Victor kien jagħti lill-ommu u li kienet iżommhom maqfulin, ix-xhud qalet li nsiet. Insiet ukoll dwar il-flus li tħallsu għad-denunzja u l-flus li hija sselfet minn għand Albert D'Amato biex ikunu jistgħu iħallsu d-denunzja. Qalet ukoll li hi ma taf xejn fuq is-somma Lm36,000 flus kontanti u dan għaliex l-amministrazzjoni kienu jieħdu ħsiebha s-subien. Dwar ċekkijiet, Margaret Micallef qalet li wieħed kien mar b'ċekk iżda qatt ma sarraf dak iċ-ċekk. Ix-xhud ma taf xejn dwar depożiti f'Lombard Bank Malta jew ta' barra li żewġha seta kellu. Ix-xhud tgħid li hija ma tafx jekk żewġha kellux xi flus jew kotba tal-bank għand oħtu Mary Lungaro. Ma tafx lanqas kemm kellu barrin meta miet. Tgħid li wara l-mewt ta' żewġha hija ma biegħetx il-barrin għaliex hi ma kinitx fin-negozju u lanqas ma biegħet xi għamara jew ġojjelli. Is-Sinjura Micallef qalet li hi tħallas Lm80 ċens flimkien ma' kontijiet tad-dawl u ilma. Ix-xhud indikat s-segwenti proprjetajiet li kollha nxtraw waqt iż-żwieġ: fond Birkirkara u l-mezzanin ta' ħdjen il-fond ta' Birkirkara, mezzanin Ħal Qormi, post f'San il-Pawl il-Baħar u żewġ flats ix-Xemxija. Ix-xhud qalet li żewġha kien xtara Rolex lil Victor u Charles u lil John kien tah tiegħu. Tgħid li hija taf li żewġha kellu arloġġ tal-idejn Omega iżda milli tiftakar hi dan kien għaddih lil binhom Sonny li miet.

14. Xehdet ukoll **Nathalie Barbara** fejn qalet li hija kienet issaqsi lil ħuha John diversi drabi għal rendikont tal-affarijiet tal-wirt li kien jamministra u kien jevita milli jtiha risposta. Waqt dan id-diskors ġieli kien hemm ommha; Victor u Charles ma kinux ikunu preżenti għaliex tal-ewwel kien ikun xogħol u t-tieni kien iżżewweġ u ma kienx joqgħod fid-dar t'ommu. Meta kien qalilha li hu mhux *accountant* hija kienet talbitu jtiha l-karti ħalli jqabbdu lil xi ħadd kompetenti, tgħid li hu mar fuq u ġab xi karti però nnotat li l-karti li taha ma kinux rilevanti. Hija qalet li John darba għajjatilha waqt li kienet qiegħdha għand ommha u beda jispjegalha dwar x'kienu qegħdin jagħmlu s-subien billi hi ma kinitx involuta fid-deċiżjonijiet tan-negozju. Però f'dik l-okkażjoni ħuwha kien qalilha li kien hemm Lm36,000 flus kontanti. Tgħid li hija fehmet li dawk il-flejjes kienu fid-dar t'ommha u f'idejn l-istess John billi hu kien

jieħu ħsieb l-affarijiet. Ix-xhud qalet li hija kienet taf li hemm flus kontanti d-dar iżda ma kinitx taf kemm eżatt.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Punti Legali**

15. Din hjia azzjoni għad-diviżjoni tal-assi ereditarja hekk imsejħa *actio familiae erciscundae*. Oriġinarjament l-azzjoni bdiet sabiex ikun hemm id-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Emanual Micallef iżda fil-mori tal-kawża mietet ukoll il-konvenuta Margaret Micallef, omm il-partijiet l-aħwa Micallef u kien għalhekk li ġiet miżjuda talba sabiex isir ukoll diviżjoni tal-assi ereditarja tagħha.

16. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Teresa Farrugia et vs. Giuseppe Camilleri et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu 2004 fejn kien ingħad li

> "Kif jinghad fid-decizjoni a **Vol XXX pII p203** l-"*actio familae erciscundae*" tolqot "*omne jus quod defunctus habuit*" u dan bla distinzjoni jekk kienx dritt personali jew '*in rem'*. Li jfisser li fil-likwidazzjoni jidhlu l-assijiet kollha kemm jekk b'titolu ta' proprjeta` jew ta' kera. Ghaldaqstant "mhux lecitu li wiehed jispigola parti minn assi ereditarju u jitlob gudizzju fuq dawk il-beni hekk spigolati u singoli imma ghandu jitlob il-likwidazzjoni tal-assi kollha" (**Kollez Vol XXXVI pI p375** u **Vol XXIX pI p1203**). Dan sahansitra "sal-punt li ma humiex permessi procedimenti separati, lanqas preamboli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt" (**Kollez Vol XXXVI pII p540**)."

17. Il-prinċipji għal azzjoni bħal dik odjerna ġew delineati fis-sentenza **Paul Camilleri pro et noe vs. Frank Camilleri** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Jannar 2008:

> "Illi mill-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-qsim ta' wirt, wieħed jislet ir-regola li l-qasma tal-ġid għandha ssir kif trid il-liġi. F'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt (magħrufa bħala l-*actio familiae erciscundae*), il-liġi [Art. 907 tal-Kap 16] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd li jitlob li jinħall mill-komunjoni ta' ġid ma' ħaddieħor [Art. 496(1) tal-Kap 16], ċkejken kemm ikun ċkejken sehemu minn dak il-ġid [P.A. TM **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet **John Ellul et vs Vinċenza Cassar**

**et**]; (b) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura [Art. 502 tal-Kap 16]; (ċ) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur [Art. 504 tal-Kap 16]; u (d) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs [Art. 510(1) tal-Kap 16]. Jibqa' l-fatt li kull każ ikollu l-fattispeċi tiegħu b'mod li "kull każ irid jiġi eżaminat singolarment fil-meriti tiegħu proprji" [P.A. PS **30.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Charles Camilleri noe vs Amy Baldacchino et**];

Illi fi kwestjonijiet ta' qasma ta' wirt u jekk il-ġid jistax jinqasam materjalment mingħajr diskapitu, huwa stabilit li għandu jittieħed qies tal-valur tal-ishma fil-waqt li fih tinfetaħ is-suċċessjoni, għaliex huwa dak il-waqt li jnissel l-istat tal-komunjoni li jagħti lok għall-jedd li wieħed jitlob il-qasma [P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Melkisedek Deguara vs Rose Calleja et**];

Illi minbarra dan il-liġi trid li, meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantita' ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess għamla u valur [App. Ċiv. **17.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet **Randon noe vs Ebejer et** (**Kollez. Vol: XLV.i.98**)]. Il-liġi tistabilixxi wkoll [Art. 510 tal-Kap 16] li r-regola ewlenija fil-qasma ta' ishma f'wirt hi li dawk l-ishma jittellgħu bix-xorti, u huwa biss fil-każ li l-ishma m'humiex indaqs jew jekk il-partijiet kollha jaqblu li l-qasma għandha ssir b'assenjazzjoni [P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet **Scicluna et vs Calleja et** (Kollez. **Vol: XLVIII.ii.1083**)];"

18. Hekk delineati l-prinċipji ewlenien, imiss issa li jiġu applikabbli għal każ odjern.

Ikkunsidrat;

19. Emanuel Micallef miet fl-11 ta' Marzu 1985 intestat u ħalla warajh lil martu Margaret Micallef u lill-uliedu.

20. Marisa D'Amato, Nathalie Barbara, Carmelo Micallef, Victor Micallef u John Micallef. Margaret Micallef mietet fis-6 ta' Lulju 2014 u b'testment tal-15 ta' Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza ħalliet lil (a) John Micallef id-dritt ta' abitazzjoni fid-dar tagħha 170 Fleur de Lys Road, Birkirkara u f'każ li din tal-aħħar tkun trid tinbiegħ bis-sostituzzjoni tad-dar 172 Fleur de Lys Road Birkirkara u f'każ li din tkun trid tinbiegħ bis-sostituzzjoni tad-dar 10, Triq Paradise, San Pawl il-Baħar, (b) lil Carmelo Micallef ħallitlu jedd għal porzjon riżervat u (ċ) ħalliet lill-ulieda Nathalie

Barbara, Marisa D'Amato, John Micallef u Victor Micallef bħala l-eredi universali tagħha fi kwoti ndaqs bejniethom.[38]

21. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġew inkarigat diversi periti tekniċi sabiex jistmaw l-assi. Din il-Qorti tosserva li inizjalment ġew inkarigati l-Perit David Pace u l-Perit Legali, illum Onorevoli Prim'Imħallef Mark Chetcuti. Filwaqt li l-Perit David Pace għamel l-osservazjzonijiet tiegħu fuq il-proprjetajiet li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Perti Legali għamel l-osservazzjonijiet tiegħu kemm fuq il-proprjetajiet immobbli kif ukoll dawk mobbli u wkoll l-ġestjoni tan-negozju li kellu Emanual Micallef. Informazzjoni dwar l-istejjem tal-ishma, deheb, fided u ħaġar prezjuż, flus kontanti fid-dar, kif ukoll flus depożitait l-bank insiltu mid-denunzja li saret. Ma kienu ġew inkarigati ebda esperti sabiex jistmaw il-mobbli proprjeta ta' Emanuel Micallef jew formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u lanqas ittellgħu rappreżentanti tal-banek sabiex jiġi determinat il-flus li Emanuel Micallef seta' kellu fil-banek lokali jew dawk barranin (kif jidher li Emanuel Micallef kellu kontijiet miftuħin ġewwa l-Ingilterra). Rigwardanti l-ġestjoni tan-negozju li kellu missierhom tal-barrin, il-Qorti tinnota li l-provi huma skarsi u l-ftit li tressqu huma konfliġġenti. Għaldaqstant fir-rigward tal-qasma tal-massa ereditarja tal-proprjeta ta' Emanuel Micallef sejra ssir fuq il-provi limitati li l-partijiet għoġobhom iressqu.

22. Min-naħa l-oħra wara l-mewt ta' Margaret Micallef ġie inkarigat il-Perit Alan Saliba sabiex iħejji pjan ta' diviżjoni tal-proprjeta immobbli mill-ġdid. Il-partijiet preżenti waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2015 qablu li l-valur tal-proprjeta mogħtija mill-Perit Pace lura f'Ottubru 2009 għandu japplika fir-rigward tas-sehem tal-omm. Din il-Qorti tosserva li f'dik is-seduta ma kienx preżenti l-attur u ċioe l-persuni li tħalla lilu s-sehem riżervat minn ommu fit-testment tagħha. In oltre ġew ukoll inkarigati Joseph Azzopardi minn Azzopardi Jewellers sabiex jistma d-deheb, fided u ħaġer prezjuż li kienu jinsabu fir-residenza tad-defunti u wkoll xi oġġetti oħra li Nathalie Barbara kellha fil-pussess tagħha iżda li kienu proprjeta tal-ġenituri tagħha, kif ukoll lil John Gingell Littlejohn sabiex jivvaluta l-mobbli li kienu jinstabu fl-istess residenza u ċioe 170, Triq Fleur de Lys, Birkirkara. Din il-Qorti tosserva li hawn ukoll ma tressqux rappreżentanti tal-banek sabiex jippreżentaw rendikonti tal-kontijiet bankarji li seta' Margaret Micallef.

23. Għaldaqstant għalkemm din hija kawża ta' diviżjoni tal-eredita ta' Emanuel Micallef li miet intestat fil-11 ta' Marzu 1985 u ta' martu Margaret Micallef li mietet fis-6 ta' Lulju 2014, din daret għal waħda komplikata minħabba nuqqas lampanti ta' provi ċari – biex ma jingħadx li xi kultant konfużi wkoll – fuq kull aspett tal-assi b'mod partikolari ta' Emanuel Micallef. Għaldaqstant

[38] Paġna 747 et seq tal-proċess.

din il-Qorti qiegħda tistrieħ fuq dak li jirriżulta b'mod ċar jew li seta' raġonevolemnt tiddeżumi mill-provi miġbura.

**24.** L-ewwel osservazzjoni li tagħmel din il-Qorti fir-rigward tal-qasma ereditarja hija li mill-provi miġjuba, ma saret l-ebda allegazzjoni li xi parti mill-ġid li ssemma (għajr għal-lista li hemm elenkata fid-denunzja li hija riprodotta hawn taħt) kien ġid partikolari ta' xi wieħed mill-ġenituri tal-partijiet. Dan iwassal lill-Qorti biex tifhem li l-ġid kollu – mobbli u immobbli – kien sar matul iż-żwieġ tagħhom, u għalhekk kien kollu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, u dan ukoll bi tħaddim tal-preżunzjoni maħsuba fl-**Artikolu 1321(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

25. In regola huwa magħruf li *"meta fond ikun divizibbli komodament u minghajr diskapitu, ma ghandux jigi applikat ir-rimedju tal-licitazzjoni. Komodament, jigifieri minghajr pregudizzju ta' l-interessi tal-kondividenti; minghajr diskapitu, jigifieri illi ma ghandux ikun hemm deprezzament fil-valur ekonomiku tal-fond bid-divizjoni materjali tieghu"* - **Giuseppe Meilak et -vs- Cecilia Zahra Scicluna**, Appell Civili, 28 ta' Gunju 1948. Hu biss fejn il-qasma tal-assi ereditarji la hi rakkomandabbli u lanqas possibbli kommodament, f'liema eventwalita` *"wiehed ghandu jirrikorri ghal licitazzjoni bhala r-rimedju straordinarju u eccezzjonali"* [39].

**Likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti**

**Immobbli**

26. Min-nota ppreżentata mill-attur u li magħha qablu l-partijiet l-oħra[40] ġew indikati s-segwenti proprjetajiet:

a. 170 Fleur de Lys Road, Birkirkara (€186,400)
b. 172, Fleur de Lys Road, Birkirkara kera ta' Lm30 fis-sena (€81,500)
c. 6, New Borg Street Birkirkara, kirja ta' Lm 28 fis-sena (€65,200)
d. 7, New Borg Street, Birkirkara (€97,800)
e. Arja fuq postijiet 6 u 7, New Borg Street, Birkirkara (€51,200)
f. Sunny, St. Bartholomew Street, Qormi mikri fl-ammont ta' €205 fis-sena (€40,800)
g. Soft Spot, St. Bartholomew Street, Qormi li allegatament jinsab mikri lil Victor Micallef fl-ammont ta' Lm22 fis-sena (liberu u frank: €49,000; piż ta' kirja: €24,500)[41]
h. 10, Paradise Street, San Pawl il-Baħar (€98,000)

[39] **Rita Grech et vs. Giuseppe Zammit et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Lulju 1969.
[40] Paġna 716 tal-proċess.
[41] Paġna 729 tal-proċess.

i. Garage nru 1 taħt Springfield Court, Triq is-Simar, Xemxija (€14,000)
j. Garage nru 2 taħt Springfield Court, Triq is-Simar, Xemxija (€12,800)
k. Flat 2 Springfield Court, Triq is-Simar, Xemxija (€121,000)
l. Flat 1, Pointer Court, Triq is-Simar, Xemxija (€118,000)
m. Biċċa art ġewwa l-Għallis limiti tan-Naxxar (€12,650)

27. L-ammont li hemm in paranteżi huwa l-valur mogħti f'Ottubru tal-2009 fl-intier tiegħu bħalal liberu u frank għajr fejn jingħad mod ieħor mill-Perit David Pace[42].

28. Il-partijiet ma jikkontestawx li hemm proprjetajiet li huma mikrija lil terzi, iżda hemm kontestazzjoni minn wieħed mill-partijiet dwar kirja waħda partikolari. Wara li saret l-ewwel valutazzjoni tal-Perit David Pace tal-fond Soft Spot, St. Bartholomew Street, Qormi ġie allegat li dan il-fond kien mikri lill-konvenut Victor Micallef. Ġie preċiżat li tali kirja allegatament bdiet wara li l-Perit aċċeda fuq il-post u għalhekk meta ta l-ewwel stima tiegħu huwa għamlu bħala fond liberu u frank. Fuq talba ta' uħud mill-partijiet, il-Perit Pace ivvaluta l-fond mgħobbi bil-piż ta' kirja. Carmelo Micallef ikkontesta li verament dan il-fond kien ġie mikri lil Victor Micallef. Min-naħa tiegħu Victor Micallef naqas milli jipprova li l-fond verament ġie mikri lilu. Din il-Qorti fid-dawl ta' tali kontestazzjoni u wkoll fin-nuqqas ta' prova suffiċjenti sejra tqis il-valur mogħti mill-Perit Tekniku bħala libera u frank u ċioe fis-somma ta' €49,000.

29. Il-Qorti għal kull buon fini tosserva li dwar min irċieva l-kirjiet u x'sar mill-kirjiet li irċievew hemm nuqqas ta' prova ċara. Hemm nuqqas ta' prova jekk fil-mument tal-mewt tal-ġenituri liema kienu dawk il-proprjetajiet li kienu b'kirja u jekk kien hemm x'kienet il-kirja li qiegħda tiddaħħal.

30. Wara l-mewt ta' Margaret Micallef, l-aħwa, għajr għal Carmelo Micallef (stante li ma kienx preżenti għas-seduta) qablu li l-valur mogħti mill-Perit David Pace fl-2009 għall-proprejta immobbli għandu japplika wkoll għal sehem l-omm li kienet mietet fis-sena 2014. Din il-Qorti tosserva li għalkemm Carmelo Micallef, jikkontesta dan u jinsisti li l-valur li għandu jittieħed huwa l-valur tal-proprjeta kif kienet fi żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni, huwa naqas milli semai jġib il-prova tiegħu tal-valuri tal-proprjetjiet kif saru fl-2014 anke għal fini ta' kalkolu tas-sehem riżervat. Fin-nuqqas ta' din il-prova il-Qorti sejra tieħu konjizzjoni tal-unika prova kif tirriżulta mir-rapport peritali.

31. Kif ingħad fis-sentenza **Anthony Caruana vs. Josephine Farrugia et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-19 ta' Novembru 2001 "*il-Qorti kellha meta thejji pjan ta' divizjoni tqis ic-cirkostanzi kollha rilevanti ghall-valur tal-proprjeta' inkluz il-potenzjal taghha, liema potenzjal kellu wkoll jigi*

[42] Paġna 589 et seq tal-proċess

*konsidrat fid-dawl ta' kull pjan regolatur ezistenti ghall-inhawi u ghat-toroq pubblici progettati*".

32. Wara l-mewt ta' Margaret Micallef il-Qorti inkarigat lill-Perit Alan Saliba sabiex jiddividi mill-ġdid il-proprjeta immobbli. Il-Perit dan għamlu permezz ta' rapport ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2016. Din il-Qorti tosserva li fir-rapport tiegħu, il-Perit ħadem il-pjan ta' qasma fuq l-allegazzjoni li l-fond 'Soft Spot' kien mikri u allura ħa l-valur tal-fond daqs li kieku kien mikri. Kif fuq ritenut, ġaladarba ma nġabitx prova sodisfaċenti li turi li l-fond verament kien mikri lil Victor Micallef, il-Qorti sejra tieħu l-valur tal-fond daqs li kieku kien fond liberu u frank.

33. Għalhekk salv għal-leġittima, sehem il-partijiet provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom fir-rigward tal-proprjeta immobbli huwa dak indikat f'din it-tabella:

| | **Missier** | | **Omm** | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Carmelo** | 1/10 | € 94,835 | 0 | € 0.00 | **€ 94,835** |
| **Marisa** | 1/10 | € 94,835 | 1/8 | €118,543.75 | **€ 213,378.75** |
| **Nathalie** | 1/10 | € 94,835 | 1/8 | €118,543.75 | **€ 213,378.75** |
| **John** | 1/10 | € 94,835 | 1/8 | €118,543.75 | **€ 213,378.75** |
| **Victor** | 1/10 | € 94,835 | 1/8 | €118,543.75 | **€ 213,378.75** |
| **Total** | (1/2) 5/10 | **€ 474,175** | (1/2) 4/8 | **€ 474,175** | **€ 948,350** |

34. L-immobbli ġew maqsuma f'ħames lottijiet, liema lista u assenjazzjoni għandha tinsab f'Anness I. Il-Qorti hija u tassenja l-proprjeta ħadet kont tal-fatt li fil-mori tal-kawża intwera l-interess li John Micallef jibqa' jirrisjedi fil-fond 172, Triq Fleur de Lys, Birkirkara, kif għandu l-jedd li jagħmel bis-saħħa tat-testment ta' ommu. Għaldaqstant sabiex jiġu evitati komplikazzjonijiet inutli, il-Qorti assenjat l-imsemmi fond lil John Micallef u peress li l-valur tagħha ma kienx biż-żejjed sabiex jieħu s-sehem li jmiss lilu l-Qorti assenjatalu wkoll proprjeta oħra.

35. Il-Qorti ħadet kont ukoll tal-osservazzjoni tal-Perit Alan Saliba li jkun aktar għaqli li ċerti proprjetajiet jiġu assenjati flimkien stante li għandhom prospett akbar. Dawn huma l-propjetajiet li hemm fi New Borg Street, li hemm fi Triq San Bartilmew, Ħal Qormi u li mal-mezzanin fi Triq is-Simar, Xemxija għandu jinżamm tal-anqas garaxx wieħed.

**Flus u kontijiet bankarji**

36. Dwar kontijiet bankarji, il-Perit Legali jagħmel referenza għal kont bankraju li kien infetaħ ġewwa l-Ingileterra li pero fl-2002 ingħalaq minn Margaret Micallef. Is-somma li ġiet depożitata minn dak il-kont għal kont mal-Bank of

Valletta kienet ta' £26,974.60 liema kont eventwalment ingħalaq minn Margaret Micallef wara li ġibdet il-flus kollha. Ġaladarba fil-mument tal-mewt ta' Emanuel Micallef il-kont kien għadu miftuħ u stante li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwistu, nofs dik is-somma u ċioe £13,487.30 (ekwivalenti għal €15,313) tifforma parti mill-massa ereditarja ta' Emanuel Micallef u liema għandha tinqasam f'ħames ishma ugwali u ċioe **kull wild ta' Emanuel Micallef imissu €3,052.60**.

37. Fid-denunzja saret referenza għal interest cheques fis-somma ta' Lm273.51 ekwivalenti għal €637.11, liema somma tifforma parti mill-assi ereditarja ta' Emanuel Micallef u liema somma allura għandha tinqasam bejn il-ħames ulied u ċioe **kull wild imissu €127.42**.

38. Inoltre il-Perit Legali jagħmel referenza għall-kont bankarju fis li infetaħ mal-Lombard Bank fin-nom ta' Emanuel u Margaret konjuġi Micallef fis-somma ta' £4,559 u li jidher li fiż-żmien tar-rapport tal-perit legali kienu għadhom il-bank u għalhekk formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Informazzjoni ulterjuri dwar dan il-kont wara l-mewt ta' Margaret Micallef ma nġabitx. Ġaladarba il-kont jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, nofs dak l-ammont u ċioe £2,279.50 (ekwivalenti għal €2,588) għandha tinqasam bejn il-ħames ulied f'porzjon ugwali, u ċioe **€517.60** kull wieħed filwaqt li n-nofs l-ieħor għandu jinqasam bejn l-erba' werrieta imsemmija fit-testment ta' Margaret Micallef u ċioe **€647** kull wieħed. Din hija somma li għandha titqiegħed fil-massa ereditarja sabiex jinħadem is-sehem riżervat.

39. Kif ġa ritenut, il-partijiet naqsu milli jġibu prova tal-kontijiet bankarji ulterjuri li Margaret Micallef kellha f'isimha. Nonostante dan in-nuqqas, il-Qorti tqis li l-flejjes kollha depożitati f'xi bank lokali u / jew barrani f'isem Emanuel Micallef u Margaret Micallef, individwalment jew konġuntivament, għandu jinqasam fi tnejn, fejn is-sehem ta' Emanuel Micallef għandu jinqasam f'ħames porzjonijiet ugwali filwaqt li s-sehem tal-omm għandu jinqasam f'erba' porzjonijiet ugwali għal eredi universali tagħha.

40. Fin-nuqqas ta' prova tal-kontijiet bankarji li kellha Margaret Micallef, li kien fl-interess ta' Carmelo Micallef bħala l-leġittimarju li jressaq din il-prova, din il-Qorti ma tistax tieħu kont tal-flejjes li kien hemm fil-banek sabiex iżidhom mal-massa ereditarja għal fini ta' kalkulazzjoni tas-sehem riżervat.

41. Bħala flus kontanti, ġie dikjarat fid-denunzja li Emanuel Micallef kellu s-somma ta' Lm5,462 (ekwivalenti għal €12,723.04) id-dar. Dan l-ammont għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-ħames ulied u ċioe **€2,544.61** kull wieħed. Ma nġabet ebda prova dwar jekk Margaret Micallef kellix flus kontanti d-dar tagħha fil-mument tal-mewt tagħha.

**Ishma**

42. Fid-denunzja ta' Emanuel Micallef jissemmew is-segwenti ishma:

    a. 9000 share Catimpex Ltd (Lm3.50 per share)
    b. 1448 share United hides (Lm0.50 per share)
    c. 1500 share Kursaal Co Ltd (nil value)
    d. 400 share Excelsoir (nil value)

43. L-ammont dikjarat fuq id-denunzja kien ta' Lm15,750 (ekwivalenti għal €36,687.63), liema somma hija ekwivalenti għal nofs **l-ishma mal-kumpanija Catimpex Ltd.** Wara l-mewt ta' Emanuel Micallef, nofs dawn l-ishma devolvew fuq l-omm Margaret Micallef, filwaqt li nofs rimanenti inqasmu f'ħames ishma ugwali. Il-Qorti għalhekk tqis li tali ishma ġew diviżi. Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-kumpanija Catimpex Ltd xoljiet u kulħadd ħa s-sehem tiegħu mill-bejgħ tan-negozju. Għal fini ta' diviżjoni m'hemm xejn għalhekk x'jiġi diviż.

44. Ma' dawn il-Qorti trid iżid ukoll is-sehem mill-ishma li Emanuel Micallef kellu ma' United Hides Co Ltd, liema somma hija ta' Lm725 (ekwivalenti għal €1,688.80) u ċioe **€337.76** kull wieħed.

45. Rigwardanti s-sehem li l-omm kellha fir-rimanenti ishma din il-Qorti m'għandhiex informazzjoni u provi, iżda jekk tali ishma kienu għadhom attivi fil-mument ta' mewt l-omm, il-Qorti tordna li l-ishma jinqasmu f'erba' porzjonijiet ugwali.

**Deheb u oġġetti oħra prezzjużi**

46. Dwar deheb, fided u oġġetti oħra prezjużi l-Qorti rat id-denunzja tal-assi ta' Emanuel Micallef fejn il-valur mogħti fid-denunzja kien ta' Lm54[43] (ekwivalenti għal €125.79). Wara l-mewt tal-omm, il-Qorti ħatret lill-Espert Tekniku Joseph Azzopardi ta' Azzopardi Jewellery sabiex jivvaluta d-deheb, fided u ħaġar prezjużi li kienu jinsabu fir-residenza tad-defunti Micallef kif ukoll tlett oġġetti li kienu jinsabu fil-pussess ta' Nathalie Barbara.

47. Din il-Qorti tosserva li l-lista ta' deheb u oġġetti oħra prezjużi huma ferm oltre seba' oġġetti imsemmija fid-denunzja ta' Emanuel Micallef. Kif ġia ritenut ħadd mill-partijiet ma indika li hemm xi uħud minn dawn l-oġġetti prezjużi li huma proprjeta parafernali tal-omm, għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-aħjar prova fiċ-ċirkostanzi hija l-istima mogħtija tal-oġġetti kollha prezjużi li kienu jinstabu fir-residenza tad-defunti mill-espert maħtur mill-Qorti. Il-

[43] Stima tinsab f'paġna 273 tal-proċess.

valur globali mogħti minn Joseph Azzopardi huwa ta' €23,450. Fin-nuqqas ta' prova min-naħa tal-partijiet tal-valur realistiku tad-deheb, fided u oġġetti oħra prezjużi kollha elenkati fil-lista tal-espert tal-Qorti lura fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Emanuel Micallef, din il-Qorti sejra tistrieħ fuq l-istima mogħtija mill-espert Joseph Azzopardi għad-diviżjoni tal-istess mobbli.

48. Għall-kompletezza l-Qorti tikkunsidra wkoll li nonostante li saret referenza għal xi arloġġi li Emanuel Micallef kellu, din il-Qorti m'għandhiex provi rigwardanti dawn u għalhekk m'hijiex sejra tieħu kont tagħhom.

49. Għalhekk salv għal-leġittima, sehem il-partijiet provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom fir-rigward ta' deheb, fided u oġġetti oħra prezjużi huwa dak indikat f'din it-tabella:

| | **Missier** | | **Omm** | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Carmelo** | 1/10 | € 2,345 | 0 | € 0.00 | **€ 2,345** |
| **Marisa** | 1/10 | € 2,345 | 1/8 | € 2,931.25 | **€ 5,276.25** |
| **Nathalie** | 1/10 | € 2,345 | 1/8 | € 2,931.25 | **€ 5,276.25** |
| **John** | 1/10 | € 2,345 | 1/8 | € 2,931.25 | **€ 5,276.25** |
| **Victor** | 1/10 | € 2,345 | 1/8 | € 2,931.25 | **€ 5,276.25** |
| **Total** | (1/2) 5/10 | **€ 11,725** | (1/2) 4/8 | **€ 11,725** | **€ 23,450** |

50. **Artikolu 515 tal-Kodiċi Ċivili** jistipula li l-liċitazzjoni għandha ssir meta beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla hsara. Din il-Qorti hija tal-fehma li tali oġġetti jistgħu jinqasmu mingħajr xkiel u għalhekk id-deheb u mobbli oħra prezjużi ġew maqsuma f'ħames porzjonijiet minn din il-Qorti, liema lista u assenjazzjoni għandha tinsab f'Anness II. Tali osservazzjoni tapplika wkoll għall-qsiem tal-mobbli li kien hemm fil-fond 170, Triq Fleur de Lys Birkirkara. Filwaqt li l-porzjon li mess lil Carmelo Micallef ġie preċiżat mill-Qorti in vista li mill-eredita t'ommu jmissu s-sehem riżervat, il-porzjonijiet A sa D għandhom jittellgħu bix-xorti.

**Għamara u mobbli oħra**

51. Il-Qorti ħatret lill-espert John Gingell Littlejohn sabiex jagħti stima tal-mobbli u għamara kollha li kienet tinsab fir-residenza tad-defunti Micallef u ċioe fil-fond 170, Triq Fleur de-Lys, Birkirkara. Hawn ukoll fid-denunzja l-partijiet kienu ddikjaraw li l-valur tas-sehem tal-għamara ta' Emanuel Micallef kienet fis-somma ta' Lm342.50 (ekwivalenti għal €797.81).

52. Il-lista ta' għamara u oġġetti mobbli oħra li jinsabu fid-dar imsemmija hija ferm twila u tkopri 135 oġġett a kuntrarju tas-seba' oġġetti biss imsemmija

fid-denunzja[44]. Il-valur mogħti għal dawn kien ta' €21,960. Il-Qorti tqis li fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, l-għamara u l-mobbli l-oħra kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. In oltre fin-nuqqas ta' prova min-naħa tal-partijiet tal-valur realistiku tal-għamara u l-mobbli kollha elenkati fil-lista tal-espert tal-Qorti lura fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Emanuel Micallef, din il-Qorti sejra tistrieħ fuq l-istima mogħtija mill-espert John Gingell Littlejohn għad-diviżjoni tal-istess mobbli.

| | **Missier** | | **Omm** | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Carmelo** | 1/10 | € 2,196 | 0 | € 0.00 | € 2,196 |
| **Marisa** | 1/10 | € 2,196 | 1/8 | € 2,745 | € 4,941 |
| **Nathalie** | 1/10 | € 2,196 | 1/8 | € 2,745 | € 4,941 |
| **John** | 1/10 | € 2,196 | 1/8 | € 2,745 | € 4,941 |
| **Victor** | 1/10 | € 2,196 | 1/8 | € 2,745 | € 4,941 |
| **Total** | (1/2) 5/10 | **€ 10,980** | (1/2) 4/8 | **€ 10,980** | **€ 21,960** |

53. L-oġġetti ġew maqsuma f'ħames lottijiet minn din il-Qorti, liema lista u assenjazzjoni għandha tinsab f'Anness III. Filwaqt li l-porzjon li mess lil Carmelo Micallef ġie preċiżat mill-Qorti in vista li mill-eredita t'ommu jmissu s-sehem riżervat, il-porzjonijiet A sa D għandhom jittellgħu bix-xorti.

**Vetturi**

54. L-unika vettura li issemmiet kienet il-vettura tat-tip Mercedes li fid-denunzja ingħatat il-valur tas-sehem tal-missier li kien ta' Lm2,000[45] (ekwivalenti għal €4,658.75) . L-unika tagħrif li din il-Qorti għandha huwa li din il-vettura wara l-mewt ta' missieru beda jużaha Carmelo Micallef u kienet tinsab fil-pussess tiegħu. Din il-Qorti hija sprovista minn informazzjoni jekk Carmelo Micallef ħallasx lill-ommu is-sehem tagħha u jekk ħallasx lil ħutu l-oħra is-sehem tagħhom.

**Rikavat min-negozju tal-barrin**

55. Ma' dan kollu jonqos li jiżdied ir-rikavat min-negozju tal-barrin. Din il-Qorti tagħraf li l-provi huma konfliġġenti u nieqsa minn dettalji ċari. Emanuel Micallef kien fin-negozju tat-trobbija u qatla tal-barrin. Peress li din hija kawża ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-eredita, fost oħrajn ta' Emanuel Micallef, jeħtieġ li jiġi determinat x'barrin kien hemm fil-mument tal-mewt ta' Emanuel Micallef u jara x'rikavat kien hemm mill-qatla tagħhom. Sfortunatament minħabba n-nuqqas ta' prova ċara u aktar u aktar konfliġġenti, tali eżerċizzju hu ferm diffiċli. Mill-provi ħareġ li Carmelo Micallef kien

[44] Paġna 276 tal-proċess.
[45] Paġna 271 tal-proċess.

jaħdem fir-razzett ma' missieru u hu jixhed li kellu barrin li kienu tiegħu apparti dawk ta' missieru. Il-prova ta' x'barrin kien hemm fil-mument tal-mewt ma saritx. Skont John Micallef fit-2 ta' Novembru 1984, minħabba li missierhom kien marad ġie deċiż li l-omm u l-ulied jixtru 55 barri u jkomplu bin-negozju huma. Carmelo Micallef kellu jieħu ħsiebhom. Ma hemm ebda prova li tikkonfronta din ix-xhieda pero Carmelo jixhed biss illi hu kien irabi l-barrin, joqtolhom u jgħaddi l-flus tal-qatla lil John Micallef jew Victor Micallef. Skont Carmelo Micallef, inizzjlament il-flus kien jgħaddihomlhom mingħajr ma jitlobhom irċevuta, pero f'xi żmien f'Marzu 1985 inqala diżgid fuq tromba (*binoculars*) ta' missieru li hu żamm u ntalbet mingħandu rċevuta, u allura beda jinsisti fuq rendikont ta' dak li hu jagħti lil ħutu. Fil-fatt hu esibixxa sett dokumenti CM2 sa CM13 li juru l-ammont ta' flus li allegatament daħlu mill-qtil tal-barrin minn Marzu sa Ottubru 1985. X'seħħ qabel ma saret ebda prova mill-konvenuti. Carmelo iżda jgħid li apparti dak li jirriżulta mid-dokumenti CM2 sa CM13 ċioe is-somma ta' Lm28,347 (ekwivalenti għal €66,030.75), hu kkalkula li tahom xi Lm30,000 (ekwivalenti għal €69,881.20) oħra f'rikavat mill-qatla tal-barrin pero fuq insistenza dwar prova ta' dawn iċ-ċifri fil-kontro-eżami li sarlu hu ammetta li ma kellux ħjiel kif wasal għal dik is-somma u ma kellux prova li juri dan. Lanqas seta' jixhed dwar x'barrin kien hemm li kienu tiegħu u ta' missieru. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-affidavits u n-noti ppreżentati minn John Micallef, fi speċi ta' rendikont li hu wasal għalihom minn xi kitbiet li kellu fil-pussess tiegħu pero din il-Qorti ma tistax toqgħod fuqhom għax huma bbażati fuq dokumneti li ma humiex prova ċara li huma relatati mal-bejgħ ta' barrin in kwistjoni, huma bbażati fuq il-premessa li kien hemm 55 barri li mhux pruvata u fihom hemm kostatazzjonijiet oħra dwar vertenza mhux relatati mal-wirt. Il-Qorti tippreżumi pero li l-barrin kollha li nqatlu kienu parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan għaliex ma kienx hemm prova kuntrarja għal dan u lanqas ma ntwera li kien hemm xi ftehim fejn l-ulied daħlu f'xi negozju ma' missierhom tramite ommhom u dan stante li tali prova ma saritx. Mill-provi jidher li għal xi żmien Victor u John kienu jamministraw l-flus li kienu ġejjien min-negozju fejn Victor kien iżomm ir-*records* u John l-amministrazzjoni ġenerali. Ġara iżda li wara xi żmien John kien talab lil Victor itih ir-*records* kollha u dak hekk għamel. Ħareġ mill-provi ukoll li f'xi żmien John kien staqsa lil Victor jgħodd il-flus u hu kien għadd madwar Lm35,000 (ekwivalenti għal €81,528.07) u Lm36,000 (ekwivalenti għal €83,857.44).

56. Minn dawn il-provi frammentati dwar in-negozju tal-barrin u r-rikavat minnu, il-Qorti tasal għal konklużjoni li l-unika prova ċara hija li Carmelo Micallef għadda s-somma ta' Lm28,347 (ekwivalenti għal €66,030.75) lil ħutu s-subien mill-bejgħ u qatla ta' barrin. Nofs dawn il-flus iridu jitpoġġew fl-assi ta' Emmanuel Micallef li minnhom pero jridu jitnaqsu nofs il-passiv ukoll.

57. Bħala **passiv** tan-negozju l-provi m'humiex konklussivi u dan peress li fil-proċess wieħed isib għadd ta' karti mħażża. L-unika prova li din il-Qorti tista' toqgħod fuqhom bħala spejjeż huma l-irċevuti ta' Andrews Feeds (Malta) Ltd li jammontaw għas-somma ta' Lm7,051.77 (ekwivalenti għal €16,426.21) li għandhom allura jitnaqsu mis-somma ta' €66,030.75. Is-somma li għandha tinqasam fi tnejn allura hija dik ta' €49,604.54. Mill-qiegħ tan-negozju li din il-Qorti ddeterminat li żgur daħal, l-aħwa jmisshom **€4,960.45** kull wieħed[46].

58. Fir-rigward tas-sehem tal-omm, fl-atti ma nstabu ebda provi konkreti u konklussivi li n-negozju kien għadu għaddej fil-mument tal-mewt tal-omm, ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tqis li ma ghadx baqa' sehem l-omm fin-negozju li għandu jiġi diviż.

**Assi immobbli parafernali ta' Emanuel Micallef**

59. Il-lista tal-assi immobbli proprjeta parafernali ta' Emmanuel Micallef imsemmija fid-denunzja[47] huma s-segwenti:

    1. Immobbli parti minn tmienja (1/8) mis-segwenti (Lm6,783.12) li hija proprjeta parafernali:

    a. 5, Luzzu Street, Sliema (garaxx u 4 flats)
    b. 67, Howard Street, Sliema
    c. 166, High Street, San Ġiljan
    d. 99, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
    e. 99A, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
    f. 100, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
    g. 101, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
    h. 102, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
    i. 103, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
    j. 104, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
    k. 105, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi
    l. 17, High Street, Ħal Qormi
    m. 18, High Street, Ħal Qormi
    n. 4 Alley 1, High Street, Ħal Qormi
    o. 21, West Street, Valletta (kerrejja)
    p. 201, Ursula Street, Valletta (kerrejja; 1 – 17)
    q. 7, Valletta Road, Ħal Luqa
    r. 11, Valletta Road, Ħal Luqa
    s. 12, Valletta Road, Ħal Luqa
    t. 13, Valletta Road, Ħal Luqa

[46] €49,604.54 / 2 = €24,802.27 / 5.
[47] Paġna 271 et seq tal-proċess.

u. 14, Valletta Road, Ħal Luqa
v. 15, Valletta Road, Ħal Luqa
w. 14-il tomna raba fi Triq Valletta, Ħal Luqa
x. 96, Old Palace Vittoriosa

2. Immobbli parti minn erbgħin (1/40) tas-segwenti li hija wkoll proprjeta parafernali:

a. Mezzanin 77 (ġia 57, gja 40), Dun Mario Street, Ħal Qormi (utli dominju perpetwu)
b. Mezzanin 84 (ġia 64, gja 47), Dun Mario Street, Ħal Qormi[48]
c. Barriera, Ħal Qormi (4t itmien imqabbla lil terzi)

60. Waqt is-seduta miżmuma fl-20 ta' Ġunju 2013, il-partijiet kif assisti u John Micallef qablu li l-Perit David Pace m'għandux jieħu konjizzjoni tal-proprjetajiet immobbli provenjenti mill-wirt parafernali ta' Emanuel Micallef stante illi s-sehem indiviż spettanti lil dawk fost il-kontendenti li għadhom ma biegħux, għandu jiġi assenjat lilhom mingħajr ħtieġa ta' valutazzjoni.

61. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Mary sive Mariella Mizzi datat 5 ta' Novembru 2001, Marisa D'Amato biegħet lis-soċjeta S.C. Hire Service Ltd u lis-soċjeta Aquilina Properties Ltd fi kwoti ta' nofs indiviz is-sehem li jmiss lilha mill-wirt tal-proprjeta parafernali ta' missierha.

62. B'kuntratt tad-19 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef, Carmelo Micallef ċeda lil M4 Co Ltd is-sehem li jmiss lilu mill-wirt tal-proprjeta parafernali ta' missieru.

63. Jonqos għalhekk li l-Qorti tassenja lir-rimanti werrieta l-proprjeta parafernali. In vista li sar qbil bejn il-partijiet li assenjazzjoni għandha ssir mingħajr ma ssir valutazzjoni, il-Qorti qasmithom fi tlett lottijiet billi ħadet l-elenku tal-proprjetajiet parafernali ta' Emanuel Micallef, għajr għal Meżżanin 84, Dun Mario Street, Ħal Qormi stante li dak sar il-bejgħ tiegħu, u allokathom skont dak l-ordni kif muri f'Anness IV. Il-partijiet għandhom ittellgħu l-lottijiet bix-xorti.

**Passiv (eskluż dak meqjus diġa taħt il-kappa fejn ġie trattat in-negozju)**

64. Finalment il-Qorti trid tara jekk kienx hemm passiv li għandu jiġi meqjus. Wara li eżaminat l-atti l-Qorti ma sabet ebda passiv għajr għal diversi allegazzjonijiet li qatt ma ġew sostanzjati. Fost dawn hemm l-allegazzjoni

[48] Dan ġie mibjugħ lil ċertu George Cutajar bis-saħħa ta' kuntratt tas-6 ta' Frar 1991 fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela – paġna 656 et seq tal-proċess.

minn John Micallef f'rikors tas-16 ta' Mejju 2017 li Anthony Barbara silef mingħand il-ġenituri tiegħu s-somma ta' Lm 9000 liema somma flimkien mal-imgħax mill-1984 għadhom ma tħallsux u għandhom jidħlu fl-*estate*. Fl-istess rikors allega li Victor Micallef ħa mingħand Margaret Micallef l-ammont ta' £9,800 li għalkemm talbithomlu huwa qatt ma ħallasha lura u li għandhom jidħlu wkoll fl-*estate*.[49] Din il-Qorti tosserva li l-Qorti diversament preseduta wara li fit-3 ta' Lulju 2017 semgħet it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors iddegretatat li ma tistax tieħu konjizzjoni tat-talba kif magħmula. Dan anke għaliex qatt ma ngħabu provi biżżejjed rigward tali allegazzjoni u l-Qorti ma tistax toqgħod fuq sempliċi dikjarazzjoni.

Ikkunsidrat;

**Likwidazzjoni tas-sehem riżervat**

65. Id-dritt għall-porzjon riżervat huwa kreditu kontra l-eredita[50]. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'donazzjoni matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' żwieġ) wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral u dak il-ġid kollazjonabbli li l-leġittimarju jkun ħa mingħand it-testatur.[51]

66. In forza tal-emendi bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2004 il-leġittima konsistenti f'sehem indiviż fuq l-assi kollha li kellha t-testatriċi inkluż b'effett tar-riunjoni fittizja; ġiet trasformata f'sehem riżervat konsistenti fi kreditu kontra l-eredita.

67. Id-dritt tas-sehem riżervat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet risżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tad-decujus. **Artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili** jaqraw kif isegwi:

> 615.(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> [...]
>
> 616.(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

[49] Paġna 835 tal-proċess.
[50] Artikolu 615 (2) tal-Kapitolu 16
[51] Ara **Angelo Zerafa et vs. Michelina Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2020.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.

68. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkalkula s-sehem riżervat dovut lil Carmelo Micallef mis-sehem ta' ommu Margaret Micallef kif ordnat fl-aħħar testment tagħha.

69. L-attur Carmelo Micallef naqas milli jġib prova tal-valur tal-proprjeta fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' ommu u għalhekk il-Qorti sejra tistriħ fuq il-valuri li ta l-Perit David Pace. In oltre din il-Qorti tosserva wkoll li l-attur naqas milli jindika jekk Margaret Micallef, apparti l-kont mal-Lombard Bank, kellhiex kontijiet bankarji oħra u jekk huwa l-każ x'kien l-ammont depożitat fihom. Hemm nieqes ukoll prova jekk kienx hemm flus kontanti d-dar residenzjali tat-testatriċi. In vista ta' nuqqas tal-imsemmija provi, din il-Qorti ma tistax tieħu kont tagħhom fil-kalkalu tas-sehem riżervat.

70. L-ammonti li fuqhom ser taħdem is-sehem riżervat huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| €474,175 | (immobbli) |
| €647 | (flus il-Bank) |
| €11,725 | (deheb, fided u oġġetti prezjużi oħra) |
| €10,980 | (għamara u mobbli oħra) |
| **€497,527** | Total |

71. Fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 616 fuq ċitat, sehem l-attur bħala porzjon riżervat (1/10) jammontaw għas-somma ta' disgħa u erbgħin elf, seba' mija u tnejn u ħamsin ewro u sebgħin ċenteżmu (€49,752.70).

**L-imgħax fuq il-porzjon riżervat**

72. Is-**sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk:

"[...] Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."

73. Ir-rata imsemmija ta' imgħax fl-Artikolu 1139 hija ta' tmienja fil-mija (8%).

74. Il-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Margaret Micallef seħħet fil-jum tal-mewt tagħha u ċioe' fis-6 ta' Lulju 2014.[52] Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex ma għandiex takkorda imgħax jew għaliex għandha takkorda imgħax f'rata anqas. Il-Qorti tqis illi l-kreditu tal-attur kontra l-eredita ta' ommu għandu jitħallas bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeċiedi l-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn fuq deċiż,**

1. **Tilqa'** t-talbiet tal-attur;

2. **Tillikwida** u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn id-defunti Emanuel u Margaret konjuġi Micallef fl-assi kif murija taħt is-sezzjoni **Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**;

3. **Tassenja** s-sehem mill-assi tal-mejtin Emanuel u Margaret konjuġi Micallef lill-partijiet skont kif spjegat taħt is-sezzjoni **Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti** u **l-Anness I sa IV;**

4. **Tillikwida** s-sehem riżervat spettanti lill-attur fuq il-wirt ta' ommu Margaret Micallef skont kif kalkolat fis-sezzjoni **Likwidazzjoni tas-sehem riżervat** u cioe' fl-ammont ta' disgħa u erbgħin elf, seba' mija u tnejn u ħamsin ewro u sebgħin ċenteżmu (€49,752.70) bl-imgħax bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-6 ta' Lulju 2014 sad-data tal-effettiv pagament, u tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lill-attur is-sehem riżervat hekk likwidat.

5. **Tinnomina** lin-Nutar Dott. Edward Flores sabiex jircievi u jippubblika l-att/i opportuni skont din id-decizjoni fi żmien massimu ta' sitt xhur mil-lum u tinnomina lill-Avukat Dott. Mark Simiana bħala kuratur sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi bl-ispejjeż jiġu sopportati fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet kollha.

---

[52] Artikolu 831 tal-Kodiċi Ċivili.

**Spejjeż** jinqasmu bejn il-partijiet kollha kwint (1/5) kull parti.

**Moqrija**.

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Marzu, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**

**Anness I**

| | **Carmelo** | **Marisa** | **Nathalie** | **John** | **Victor** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | 186,400 | | | | €186,400.00 |
| 2 | | | | 81,500 | | €81,500.00 |
| 3 | | | 65,200 | | | €65,200.00 |
| 4 | | | 97,800 | | | €97,800.00 |
| 5 | | | 51,200 | | | €51,200.00 |
| 6 | | | | | 40,800 | €40,800.00 |
| 7 | | | | | 49,000 | €49,000.00 |
| 8 | 98,000 | | | | | €98,000.00 |
| 9 | | | | 14,000 | | €14,000.00 |
| 10 | | | | | 12,800 | €12,800.00 |
| 11 | | | | | 121,000 | €121,000.00 |
| 12 | | | | 118,000 | | €118,000.00 |
| 13 | | 12,650 | | | | €12,650.00 |
| **Total** | **€98,000.00** | **€199,050.00** | **€214,200.00** | **€213,500.00** | **€223,600.00** | **€948,350.00** |
| Carmelo lil Marisa | -3,165 | 3,165 | | | | Ekwiparazzjoni |
| Victor lil Marisa | | 10,221.25 | | | -10,221.25 | |
| John lil Marisa | | 121.25 | | -121.25 | | |
| Nathalie lil Marisa | | 821.25 | -821.25 | | | |
| **Total** | **€94,835.00** | **€213,378.75** | **€213,378.75** | **€213,378.75** | **€213,378.75** | **€948,350.00** |

**Anness II**

| | Carmelo | A | B | C | D | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 100 | | | | | 100 |
| 2 | | | 30 | | | 30 |
| 3 | 1200 | | | | | 1200 |
| 4 | 120 | | | | | 120 |
| 5 | | | | 240 | | 240 |
| 6 | | | 30 | | | 30 |
| 7 | | | | 60 | | 60 |
| 8 | | 120 | | | | 120 |
| 9 | | | | 40 | | 40 |
| 10 | 600 | | | | | 600 |
| 11 | | | 120 | | | 120 |
| 12 | | | | 30 | | 30 |
| 13 | | | | 40 | | 40 |
| 14 | | | | 10 | | 10 |
| 15 | | 10 | | | | 10 |
| 16 | | | | 10 | | 10 |
| 17 | | 300 | | | | 300 |
| 18 | | | | | 25 | 25 |
| 19 | | | | | 15 | 15 |
| 20 | | 25 | | | | 25 |
| 21 | | 100 | | | | 100 |
| 22 | | | | | 20 | 20 |
| 23 | | | | | 20 | 20 |
| 24 | | | 2800 | | | 2800 |
| 25 | | 1800 | | | | 1800 |
| 26 | | | | 2600 | | 2600 |
| 27 | | | | | 2500 | 2500 |
| 28 | | | | | 40 | 40 |
| 29 | 50 | | | | | 50 |
| 30 | | 20 | | | | 20 |
| 31 | | | | | 15 | 15 |
| 32 | 5 | | | | | 5 |
| 33 | | 5 | | | | 5 |
| 34 | | | | 10 | | 10 |
| 35 | | | | | 10 | 10 |
| 36 | | | | 60 | | 60 |
| 37 | | | | 40 | | 40 |
| 38 | | | 25 | | | 25 |
| 39 | | 15 | | | | 15 |
| 40 | | | 20 | | | 20 |
| 41 | | | | 25 | | 25 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 | | | | | 25 | 25 |
| 43 | | | | 30 | | 30 |
| 44 | | 40 | | | | 40 |
| 45 | | 10 | | | | 10 |
| 46 | | | 10 | | | 10 |
| 47 | | | | 5 | | 5 |
| 48 | | | | | 5 | 5 |
| 49 | | | | 10 | | 10 |
| 50 | | 25 | | | | 25 |
| 51 | | | 250 | | | 250 |
| 52 | | | | 120 | | 120 |
| 53 | | | | | 100 | 100 |
| 54 | | 50 | | | | 50 |
| 55 | | | | | 150 | 150 |
| 56 | | | 25 | | | 25 |
| 57 | | 15 | | | | 15 |
| 58 | | 400 | | | | 400 |
| 59 | | | | 300 | | 300 |
| 60 | | | | | 500 | 500 |
| 61 | | | | | 40 | 40 |
| 62 | | | | | 60 | 60 |
| 63 | | | | 150 | | 150 |
| 64 | | | | 40 | | 40 |
| 65 | | | 100 | | | 100 |
| 66 | | | | 50 | | 50 |
| 67 | | | | | 120 | 120 |
| 68 | | | | | 30 | 30 |
| 69 | 120 | | | | | 120 |
| 70 | | | | 40 | | 40 |
| 71 | | | | 30 | | 30 |
| 72 | | | | 50 | | 50 |
| 73 | | | | | 200 | 200 |
| 74 | | 50 | | | | 50 |
| 75 | | 50 | | | | 50 |
| 76 | | 40 | | | | 40 |
| 77 | | | | 70 | | 70 |
| 78 | | | | 60 | | 60 |
| 79 | | | | 60 | | 60 |
| 80 | | | | 15 | | 15 |
| 81 | | | | | 30 | 30 |
| 82 | | 10 | | | | 10 |
| 83 | | | | | 40 | 40 |
| 84 | | | | 20 | | 20 |
| 85 | | | 1200 | | | 1200 |
| 86 | | | | 15 | | 15 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | | | | | 70 | 70 |
| 88 | | | | 40 | | 40 |
| 89 | | | | 100 | | 100 |
| 90 | | | | | 30 | 30 |
| 91 | | | | | 30 | 30 |
| 92 | | | | 25 | | 25 |
| 93 | | | | | 20 | 20 |
| 94 | | 20 | | | | 20 |
| 95 | | | | | 25 | 25 |
| 96 | | | | | 10 | 10 |
| 97 | | | | | 15 | 15 |
| 98 | | 40 | | | | 40 |
| 99 | | 15 | | | | 15 |
| 100 | | 40 | | | | 40 |
| 101 | | 60 | | | | 60 |
| 102 | | | 20 | | | 20 |
| 103 | | | | | 100 | 100 |
| 104 | | 1000 | | | | 1000 |
| 105 | | 500 | | | | 500 |
| 106 | | | | 30 | | 30 |
| 107 | | | | 20 | | 20 |
| 108 | | | | 80 | | 80 |
| 109 | | 50 | | | | 50 |
| 110 | | | | | 80 | 80 |
| 111 | | | | | 70 | 70 |
| 112 | | | | | 20 | 20 |
| 113 | | 10 | | | | 10 |
| 114 | | | 10 | | | 10 |
| 115 | | | 300 | | | 300 |
| 116 | | | | 50 | | 50 |
| 117 | | 120 | | | | 120 |
| 118 | | | | 80 | | 80 |
| 119 | | | | 15 | | 15 |
| 120 | | | | 10 | | 10 |
| 121 | | | | | 50 | 50 |
| 122 | | | | | 15 | 15 |
| 123 | | | | | 25 | 25 |
| 124 | | | | | 20 | 20 |
| 125 | | | | | 25 | 25 |
| 126 | | | | | | 0 |
| 127 | | | | | | 0 |
| 128 | | | | | | 0 |
| 129 | | | | | 10 | 10 |
| 130 | | | | | 15 | 15 |
| 131 | | | | | 20 | 20 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 132 | | | | 5 | | 5 |
| 133 | | | | 5 | | 5 |
| 134 | | | | 250 | | 250 |
| 135 | | | | | 350 | 350 |
| **Total** | **€2,195** | **€4,940** | **€4,940** | **€4,940** | **€4,945** | **21960** |

## Anness III

| | Carmelo | A | B | C | D | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | 100 | | | | 100 |
| 2 | | | 2365 | | | 2365 |
| 3 | | | | | 2000 | 2000 |
| 4 | | | 1350 | | | 1350 |
| 5 | | | | 225 | | 225 |
| 6 | | | | | 175 | 175 |
| 7 | | | 100 | | | 100 |
| 8 | | | | | 1600 | 1600 |
| 9 | | | | | 150 | 150 |
| 10 | | | 475 | | | 475 |
| 11 | | | | 100 | | 100 |
| 12 | | | 150 | | | 150 |
| 13 | | | | | 100 | 100 |
| 14 | 175 | | | | | 175 |
| 15 | | | | 120 | | 120 |
| 16 | | | | | 125 | 125 |
| 17 | | | | | 100 | 100 |
| 18 | | | 175 | | | 175 |
| 19 | | 5250 | | | | 5250 |
| 20 | | | | 2750 | | 2750 |
| 21 | 1,375 | | | | | 1375 |
| 22 | | | | 200 | | 200 |
| 23 | | | 245 | | | 245 |
| 24 | | | | 275 | | 275 |
| 25 | | | 390 | | | 390 |
| 26 | | | | 375 | | 375 |
| 27 | 700 | | | | | 700 |
| 28 | 65 | | | | | 65 |
| 29 | 30 | | | | | 30 |
| 30 | | | | | 220 | 220 |
| 31 | | | | 200 | | 200 |
| 32 | | | | 100 | | 100 |
| 33 | | | | 300 | | 300 |
| 34 | | | | | 200 | 200 |
| 35 | | | | | 125 | 125 |
| 36 | | | | 90 | | 90 |
| 37 | | | | 250 | | 250 |
| 38 | | | | 275 | | 275 |
| 39 | | | | | 440 | 440 |
| 40 | | | 10 | | | 10 |
| **Total** | **€ 2,345** | **€ 5,350** | **€ 5,260** | **€ 5,260** | **€ 5,235** | **€ 23,450** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A lil B | | -16.25 | 16.25 | | | Ekwiparazzjoni |
| A lil C | | -16.25 | | 16.25 | | |
| A lil D | | -41.25 | | | 41.25 | |
| **Total** | **€ 2,345** | **€ 5,276.25** | **€ 5,276.25** | **€ 5,276.25** | **€ 5,276.25** | **€ 23,450** |

## Anness IV

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5, Luzzu Street, Sliema (garaxx u 4 flats) | A | | |
| 67, Howard Street, Sliema | | B | |
| 166, High Street, San Ġiljan | | | C |
| 99, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi | A | | |
| 99A, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi | | B | |
| 100, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi | | | C |
| 101, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi | A | | |
| 102, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi | | B | |
| 103, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi | | | C |
| 104, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi | A | | |
| 105, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi | | B | |
| 17, High Street, Ħal Qormi | | | C |
| 18, High Street, Ħal Qormi | A | | |
| 4 Alley 1, High Street, Ħal Qormi | | B | |
| 21, West Street, Valletta (kerrejja) | | | C |
| 201, Ursula Street, Valletta (kerrejja; 1 – 17) | A | | |
| 7, Valletta Road, Ħal Luqa | | B | |
| 11, Valletta Road, Ħal Luqa | | | C |
| 12, Valletta Road, Ħal Luqa | A | | |
| 13, Valletta Road, Ħal Luqa | | B | |
| 14, Valletta Road, Ħal Luqa | | | C |
| 15, Valletta Road, Ħal Luqa | A | | |
| 14-il tomna raba fi Triq Valletta, Ħal Luqa | | B | |
| 96, Old Palace Vittoriosa | | | C |
| Mezzanin 77 (ġia 57, gja 40), Dun Mario Street, Ħal Qormi | A | | |
| Barriera, Ħal Qormi | | B | |